# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 15 ta’ Ġunju, 2023

**Numru 2**

**Rikors Numru 964/19TA**

**Donald Attard ID 302858M**

**Vs**

**Emmanuel Micallef ID 835553M**
**Master Properties Ltd (C 63604)**
**Ludwig Dimech f’ismu proprja u għan-nom u in rappreżentanza ta’ LK Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Donald Attard (l-Attur) maħluf tal-10 ta’ Ottubru 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. **“ILLI** l-attur huwa propretajru tal-fond bl-isem ‘Attard House’ Sqaq il-Qenc, Haz-Zebbug, ZBG 406;

2. **ILLI** l-intimati ricentement wettqu u qeghdin ikompli jwettqu, xoghlijiet ta’ twaqqigh, skavar, u kostruzzjoni fil-propjeta taghhom li bihom b’nuqqas ta’ hila u inosservanza tal-Ligi kkagunaw u qeghdin ikomplu jikkagunaw diversi hsarat u danni fil-propjeta ta’ l-esponenti jigifieri fil-fond ‘Attard House’ Sqaq il-Qenc, Haz-Zebbug, ZBG 406;

**3.** **ILLI** premess illi l-konvenuti jew minn minnhom dawn l-ahhar xhur ikkagunaw danni fuq il-propejta tas-socjeta attrici billi fost ohrajn kissru l-fossa tad-dranagg u ghamlu hsarat konsiderevoli fuq il-hitan propjeta ta' l-attur u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt il-mori tal-kawza.(Ritratti hawn anessi u mmarkati bhala Dok A sa Dok E rispettivament)

**4.** **ILLI** premess illi l-konvenuti nonostante interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni minnhom ikkawzati, u jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex irrendu l-propjeta ta' l-attur fi stat tajjeb ta' riparazzjoni naqsu milli jaghmlu dak kollu minghjar ebda gustifikazzjoni jew raguni valida fil-ligi.

**5.** **ILLI** r-rikkorrenti Donald Attard jaf personalment bil-fatti hekk dikjarati u debitament enumerati.

**GHALDAQSTANT** ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

**1.** Tiddikjara lill-intimati, solidament jew min minnhom, unikament responsabbli ghad-danni u hsarat ikkagunati fil-proprjeta' ta' l-esponenti b'konsegwenza tax- xoghlijiet fuq imsemmija;

**2.** Tillikwida occorrendo bl-opera ta' periti nominandi l-istess danni u hsarat ikkagunati;

**3.** Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l- Onroabbli Qorti, iwettqu dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali fil-fond proprjeta' ta' l-esponenti, u dan taht is-supervizjoni ta' perit arkitett nominat mill-Qorti ghal dan l-iskop;

**4.** Tikkundanna lill-konvenuti jew minnhom sabiex ihallsu dik is-somma li tigi hekk likwidata;

**5.** Fin-nuqqas, tawtorizza lill-esponenti sabiex jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha mehtiega fil-fond proprjeta' taghhom, unikament ghas-spejjez ta' l-intimati jew min minnhom, sabiex jirripristinaw il-fond proprjeta' ta' l-esponenti fl-istat originali li kien qabel l-intimati wettqu x- xoghlijiet hawn fuq imsemmija;

Bl-ispejjez, u l-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Ludwig Dimech f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' LK Limited (il-konvenut) tat-22 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"Illi l-esponent pro et noe jopponi ghat-talbiet kollha mressqa mir-rikorrent u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti f'ismu proprju certament li mhux il-legittimu kuntradittur u dan stante li x-xoghol tal-iskavat sar mis-socjeta' LK Limited u mhux minnu personalment;

2. Illi b'zieda mas-suespost u minghajr pregudizzju ghall-istess, jinghad li l-azzjoni odjerna hi milquta bi preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili u dan stante li x-xogholijiet imwettqa mis-socjetaċ esonenti ilhom li tlestew iktar minn sentejn u mhux kif qed jinghad fir-rikors promotur;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u b'zieda mal-istess jinghad illi s-socjeta' esponenti ma kkawzat ebda danni u ghalhekk certament li m'ghandhiex x'tirrispondi ghall-ebda xogholijiet rimedjali u/jew danni;

4. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-istess, mhux minnu li l-esponent pro et nomine qatt gew interpellati jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni u dan l-ghaliex ir-rikorrent jaf ben tajjeb li l-esponent kemm f'ismu proprju u kemm is-socjeta' esponenti ma wettqu l-ebda danni;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent li huwa minn issa ingunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata ta' Emanuel Micallef u Master Properties Limited (il-konvenuti Micallef) maħlufa tas-26 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

"1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt;

2. Illi fit-tieni lok ghandhom jigu stabbiliti x'inhuma l-allegat hsarat li gew ikkawzati;

3. Illi minghajr pregudizzju l-allegat hsarat fil-hajt divizorju l-esponenti lest li jirranga u li huma ta' natura zghira;

4. Illi l-iktar hsarat li hemm huwa fil-fossa liema hsarat kienu gja gew imsewwija u rrangati mill-esponenti tant li qatt ma hareg dranagg u issa qieghed johrog id-dranagg minn din il-fossa tort ta' garr l-iehor fuq in-naha l-ohra wara li haffer il-basement iktar il-fond milli haffer l-esponenti u dan id-dranagg diehel fil-fond tal-esponenti adjacenti,

liema fossa kienet bir u ghandha tintuza bhala bir u mhux fossa kif qieghed jintuza llum mill-attur abuzivament.

6. Bl-ispejjez kontra l-attur."

Rat l-atti kollha tal-Kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-Kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' April 2023 fejn il-Kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** L-ilment tal-Attur jikkonċerna ħsarat kawżati fil-fond residenzjali tiegħu li jġib l-isem 'Attard House' Sqaq il-Qenċ, Ħaż-Żebbuġ. Din il-ħsara feġġet fil-kors ta' xogħolijiet ta' twaqqiegħ, skavar u kostruzzjoni fil-proprjetá adjaċenti għal dik tiegħu. Dawn ix-xogħolijiet kellhom isiru skont il-permess numru PA/3470/15 maħruġ fil-15 ta' April 2016 fuq applikazzjoni sottomessa mis-Soċjetá konvenuta Master Properties Ltd (ara fol 76).

**2.** Jirriżulta iżda li l-Agenzija tal-Bini u tal-Kostruzzjoni qatt ma ħarġet il-'clearance' biex isiru dawn ix-xogħolijiet. Dan minħabba li, sal-lum, għadhom ma ġewx sottomessi lilha d-dokumenti kollha neċessarji. Id-dokumenti li rċeviet l-Aġenzija kienu l-*proposal* tal-insurance, jiġifieri l-'Contractors All Risk Proposal Form' (a' fol 58), il-works method statement (a' fol 62) u l-condition report (a' fol 65). Kien jonqos għalhekk li jiġu wkoll

sottomessi l-garanzija bankarja u l-polza tal-assigurazzjoni. Minħabba din ir-raġuni, fil-mori ta' dawn il-proċeduri, preċiżament fis-sena 2020, l-Aġenzija ħarġet enforcement notice (ara xhieda Martin Farrugia a' fol 50 et seq).

**3.** Ix-xogħolijiet ta' skavar u tqattiegħ saru fis-snin 2017 u 2018 mis-Soċjetá konvenuta LK Limited fuq inkarigu tas-Soċjetá konvenuta l-oħra Master Properties Ltd (ara xhieda Ludwig Dimech a' fol 92). Sussegwentement ġew eżegwiti x-xogħolijiet ta' kostruzzjoni mis-soċjetá CFS construction, ukoll fuq inkarigu tal-istess soċjetá Intimata Master Properties Ltd (ara xhieda Carmelo Farrugia a' fol 100).

**4.** Il-ħsarat lamentati mill-Attur jikkonsistu fi tkissir ta' fossa tad-dranaġġ/spiera, bir/bokka u ħsarat fuq il-ħitan proprjetá tal-istess Attur (ara premessa numru 3, xhieda Attur a' fol 26 et seq u fol 121 a tergo, u ritratti a' fol 32 sa 44 u fol 97).

**5.** L-Attur qed jikkontendi li dawn il-ħsarat saru bi vjolazzjoni tal-obbligu assunt mis-Soċjetá konvenuta Master Properties Ltd fi skrittura datata sena 2017 u ffirmata mill-konvenut Micallef qua r-rappreżentant tagħha u mill-Attur Donald Attard (ara fol 31).

**6.** L-Attur jixhed li l-ħsara fil-fossa/spiera u fil-bir/bokka ġiet imsewwija a spejjeż tiegħu, filwaqt li l-ħsara tal-ħajt għadha hemm billi għad m'għandux il-flus biex jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa biex isewwiha (ara

xhieda a' fol 28 a tergo u 29 a tergo). L-Attur preżenta stima maħruġa minn J&G Farrugia Contractors fl-ammont ta' €10,797 rappreżentanti ħlas ta' twaqqih u rikostruzzjoni tal-ħajt in kwistjoni (a' fol 45). L-Attur naqas milli jippreżenta l-irċevuti tal-VAT li għamel referenza għalihom fix-xhieda tiegħu (a' fol 28 a tergo) rigwardanti l-ispejjeż biex sewwa l-fossa/spiera u l-bir/bokka.

**7.** Minn naħa tagħha s-Soċjetá Konvenuta Master Properties Ltd ma kkontestatx dawn il-ħsara iżda eċċepiet li l-istess ġew imsewwija ħlief għal "*l-allegat ħsarat fil-ħajt diviżorju* [li] *l-esponenti lest li jirranġa u li huma ta' natura żgħira*" (ara eċċezzjonijiet numri 3 u 4 a' fol 16).

**8.** Is-Soċjetá konvenuta Master Properties Limited ikkonfermat li l-fossa/spiera infetħet u l-bir/bokka ġralu l-ħsara waqt xogħolijiet ta' tqattih bi trencher filwaqt li l-ħajt intlaqat waqt xogħolijiet ta' tqattih bil-hymac. Dawn ix-xogħolijiet kienu qed jiġu eżegwiti mis-soċjetá LK Limited fuq inkarigu tagħha (ara xhieda ta' Emmanuel Micallef a' fol 116 a tergo u fol 135 et seq). Li l-fossa nfetħet b'dan il-mod ġie wkoll ikkonfermat mill-istess Soċjetá konvenuta LK Limited (ara xhieda ta' Ludwig Dimech a' fol 93 et seq).

**9.** It-tnejn madanakollu jissottomettu li din ġiet sussegwentement magħluqa minn bennej fuq inkarigu tal-istess Soċjetá konvenuta Master Properties Ltd (ara xhieda a' fol 93 et seq u 116 a tergo). Jirriżulta li dan il-bennej hekk imqabbad kienet is-Soċjetá imsemmija CFS Construction (ara

xhieda ta' Carmelo Farrugia a' fol 101 u xhieda Emmanuel Micallef a' fol 117 u fol 129 et seq). Il-bir/bokka ġie/t minn naħa l-oħra msewwi/ja minn żewġ plasterers, ukoll inkarigati mis-Soċjetá konvenuta Master Properties Ltd (ara xhieda ta' Emmanuel Micallef a' fol 116 a tergo u fol 118 a tergo).

**10.** Is-Soċjetá CFS Construction u anke s-Soċjetá konvenuta Master Properties Ltd jikkonfermaw ulterjorment li tal-aħħar talbet lil ta' l-ewwel sabiex issewwi wkoll il-ħitan komuni, kemm dak li jmiss mal-proprjetá tal-Attur kif ukoll dak li jmiss ma proprjetá ta' terzi billi t-tnejn kienet ġratilhom il-ħsara konsegwenza tax-xogħolijiet in kwistjoni. Jirrisulta iżda, li s-Soċjetá CFS Construction, filwaqt li rranġat il-ħajt ta' terzi, naqset milli twettaq l-inkarigu tagħha biex jitranġa l-ħajt li jmiss mal-proprjetá tal-Attur. Dan għal raġunijiet imsemmija fl-istess xhieda (ara xhieda Carmelo Farrugia a' fol 102 et seq u fol 133, xhieda Emmanuel Micallef a' fol 117 et seq u fol 135 a tergo).

**11.** Jirrizulta ukoll li l-bir/bokka reġa marlu l-ilma filwaqt li l-fossa/spiera reġgħet xpakkat hekk kif tikkonferma l-istess Soċjetá konvenuta Master Properties Ltd (ara xhieda Emmanuel Micallef a' fol 117). Hija madanakollu tinsisti, li dan ma seħħx b'konsegwenza tax-xogħolijiet eżegwiti fuq inkarigu tagħha iżda konsegwenza ta' xogħolijiet eżegwiti minn terzi f'proprjetá oħra ukoll biswit dik tal-Attur (ibid.). Dan ġie kontestat mill-Attur li baqa' jinsisti li ġara hekk minħabba li t-tiswija ma saritx sewwa (ara xhieda a' fol 122).

**12.** Jirriżulta mill-atti li s-Soċjetá konvenuta Master Properties Ltd kienet fil-fatt assigurat ix-xogħolijiet in kwistjoni b'polza ta' assigurazzjoni numru 01365-CAR-001 (ara xhieda ta' Reinhard Caruana a' fol 107 et seq u dokument RC a' fol 113). Kopja ta' din il-polza ma ġietx preżentata in atti.

**13.** Fit-18 ta' Jannar 2019, din is-Soċjetá fetħet claim numru CR190001 fuq ħsarat li saru lil terzi waqt l-istess kostruzzjoni. Għal din il-claim hija ingħatat €8,070.11 fil-25 ta' Ottubru 2019 (ibid.). Dawn il-flus madanakollu ma ġewx mgħoddija lill-Attur iżda, in parte, lis-soċjetá CFS construction bħala ħlas għax-xogħol li ħadet biex tagħlaq il-fossa/spiera (ara xhieda Carmelo Farrugia a fol 101 a tergo, 102, 130 a tergo, 131 u 132, xhieda Emmanuel Micallef a' fol 118 a tergo, xhieda Rikorrenti a' fol 122).

**14.** Jirriżulta mill-istess Dok RC li taħt l-istess polza ta' assigurazzjoni, is-Soċjetá konvenuta Master Properties fetħet żewġ claims oħra numru CAR170002 datata 4 ta' Settembru 2017 fuq "Damage to Divisionary Wall" u oħra numru CAR170003 fit-18 ta' Settembru tal-istess sena 2017 fuq "Damage to Adjacent TP Property". Għal dawn il-claims ingħataw ħlasijiet rispettivi ta' €14,370 fil-25 ta' Ottubru 2019 (jiġifieri fl-istess jum li fih ingħataw ukoll it-€8,070.11 fuq imsemmija) u €1,827 fis-17 ta' Ottubru 2019.

**15.** Permezz ta' din l-azzjoni r-Rikorrenti qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti, solidalment jew min minnhom, responsabbli għad-danni u ħsarat kawżati fil-proprjetá tiegħu.

**<u>Punti ta’ Liġi</u>**

**16.** B’din il-kawża għalhekk l-Attur qiegħed jipproponi azzjoni għar-rimedju ġenerali għar-risarċiment ta’ danni.

**17.** Fil-konfront tas-Soċjetá konvenuta LK Limited, l-azzjoni hija dik akwiljana msejsa fuq il-prinċipji ġenerali tal-liġi ċivili li taħthom kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu (artikolu 1031 tal-Kap. 16), meta jirriżulta li fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta’ missier tajjeb tal-familja (artikolu 1032 tal-Kap. 16), jew meta jkun għamel jew naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi (artikolu 1033 tal-Kap. 16).

**18.** Fil-konfront tas-Soċjetá konvenuta Master Properties Limited, l-azzjoni hija msejsa fuq il-kunċett ta’ culpa in eligendo, ossia vicarious liability, taħt l-artikolu 1037 tal-istess Kodiċi. Dan l-artikolu jipprovdi li “*Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna* ***mhux ta’ ħila****, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta’ ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna,* ***minħabba n-nuqqas ta’ ħila tagħha****, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi*”.

**19.** Ġie tajjeb rilevat li “*<u>Fin-nuqqas ta’ relazzjoni kuntrattwali bejn id-danneġġjat u d-danneġġjant, il-prinċipju hu li d-danneġġjat jista’ jfittex kemm lill-persuni li għamlu x-xogħol jew ikkawżaw materjalment id-dannu bl-atti jew nuqqasijiet u bl-operat tagħhom, kif ukoll il-persuni li impjegaw</u>*

*lill-istess addetti u dan bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1032 sa 1038 tal-Kodiċi Ċivili, fuq ċitati. L-azzjoni kontra wieħed ma teskludix l-azzjoni kontra l-ieħor, purche' id-danni akkordati lid-danneġġjat jibqgħu dejjem fil-parametri ta' dak provdut fl-Artikoli 1045 et seq tal-Kap. 16.*" (**Ronald Carbonaro et vs Carmel Muscat et, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 12 ta' Ottubru 2022**).

**20.** Il-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-culpa akwiljana ġew tajjeb imfissra mill-Imħallef Caruana Curran fis-sentenza tal-**Prim' Awla tat-18 ta' Awwissu 1965 fil-kawza Gaetano Spiteri proprio et nomine vs Thomas Castle (Vol. XLIX P II p 1027**) kif ġej:

"*il-colpa akwiljana tokkorri meta d-dannu jigi kagonat f' rapport extra-kontrattwali, cioe tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew tad-dover generali neminem laedere kombinat man-negligenza taht l-artikoli 1075, 1076 [illum 1031 u 1032] tal-Kodici …*".

**21.** Il-liġi permezz tal-artikolu 1033 tistabilixxi li biex ikun hemm din il-ħtija hemm bżonn li wieħed jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi.

"*Fl-ambitu ta' din il-kolpa dovuta ghan-negligenza, imprudenza jew nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias, il-ligi tinsisti fuq ir-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event li jgib il-hsara lill-proprjeta` tat-terzi. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi jew*

*inverosimili*" (Ara **Kollez. Vol. XLVIII P I p 258 Qorti ta' l-Appell, Lawrence Zammit vs Chairman tal-Bord tat-Tmexxija Istitut ta' l-Istudji Turistici et, 18 ta' Mejju 2005**).

**22.** Hi wkoll dottrina elementari u magħrufa fil-ġurisprudenza tagħna li "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" (**Kollez. Vol. XXX. I. 142**). "*Fi kliem iehor, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuz" ("***John Debono et -vs- Negte. Joseph Muscat proprio et nomine", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960. Ara wkoll "Paul Debono -vs- Malta Drydocks", Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' April, 2005;" (Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef, Qorti ta l-Appell (Inferjuri), 6 ta' Ottubru, 2010).**

**23.** Minn naħa l-oħra l-artikolu 1037 huwa mfassal fuq il-prinċipju li "*l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol b'negligenza u nuqqas ta' hila skont l-artikolu 1037 tal-Kapitolu 16. Illi fi kliem iehor japplika dak li gie ritenut fis-sentenza "Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija" (A.C. (HH) l-1 ta' Marzu 1988) fejn inghad li:* ***"kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat***

***ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghmel dannu lill-haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi"*** (**Ara Sentenza fl-ismijiet Marie Louise Bajada -vs- Therese Xuereb et, Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri], 30 ta' Settembru 2015**).

**24.** Kif ġie tajjeb rilevat, "*għall-applikazzjoni tal-kunċett tal-*culpa in eligendo*, huwa biżżejjed li jiġi ppruvat li l-impjegat ossia l-kuntrattur, ma kienx ta' ħila.* ...

*"Biex jiġi invokat dan l-artikolu ta' dak li l-Ingliżi jsejħu 'vicarious liability', il-liġi trid li jkun hemm: (1) ir-relazzjoni ta' employer/employee; (2) culpa in eligendo; (3) l-att tal-impjegat li jikkawża danni lil terzi; u (4) id-danni jkunu riżultat tal-inkompetenza tal-impjegat. Għall-fini tal-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu hu biżżejjed li jiġi pruvat li l-impjegat kien inkompetenti jew li l-employer ma kellux raġun jaħseb li l-impjegat hu ta' ħila. Waħda mill-ipoteżijiet hija biżżejjed.*" (**Ronald Carbonaro et vs Carmel Muscat et** ġia ċitata supra).

**25.** Għal dak li jirrigwarda l-kriterju li għandu jiġi stabbilit biex jitqies jekk persuna hijiex ta' ħila skont dan l-artikolu, ġie rilevat li *"ghall-fini tal-prova ta' l-inkompetenza ta' l-impjegat il-Qrati taghna bhala regola rrikjedew prova ta' l-inkompetenza tieghu oggettivament u dan peress illi una volta ppruvata l-kompetenza tieghu oggettivament il-fatt li l-istess impjegat ikun negligenti f'kaz li jarreka danni lil terzi mhux bilfors li jirrendi lill-employer*

*responsabbli taht l-artikolu msemmi (Ara f'dan ir-rigward **A. Azzopardi vs G. Vaudrey** sup. cit.);*

*Il-kliem "mhux ta' hila" ossia "incompetente" gew definiti fis-sentenza in re **Gasan noe vs Vella noe** (Vol.XVII.II.238) bhala li jfissru "inidoneo od infedele" u fis-sentenza l-ohra sup. cit. in re **Azzopardi vs Vaudrey noe** bhala li jfissru "incapace od inidoneo ';*

*Ghall-fini ta' l-alternattiva l-ohra pero, cioe' li l-employer qabbad persuna li ma kellux ragun jahseb li hija ta' hila l-kriterju uzat biex tigi stabbilita l-kompetenza o meno ta' l-impjegat hu wiehed soggettiv u jirrisolvi ruhu fid-domanda jekk l-"employer" kellux ragunijiet bizzejjed biex jikkonsidra l-impjegat li jkun bhala kompetenti (ara G. Maistrepro et noe vs D. Testaferrata Bonnici Axiak et Vol. XXI.I.361);"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Kenneth Muscat vs PC1179 Dominic Muscat et, Tribunal għal Talbiet Żgħar, 12 ta Diċembru 2002)**.

**26.** Din il-Qorti isostni ukoll, li sabiex ikunu riskontrati l-elementi taħt artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, l-anqas huwa element meħtieġ x-xjenza propja da parti ta' min jagħti l-inkarigu, dwar idonejita' jew kompetenza ta' min ikun ġie inkarigat. Jista' jagħti l-każ li persuna inkarigata biex tesegwixxi x-xogħolijiet f'sens ġenerali hija kompetenti, iżda turi inkompetenza f'xi inkarigu partikulari li jirreka danni lit-terz. Għalhekk meta persuna hija magħrufa bħala kompetenti pero' f'xi biċċa opera partikulari turi inkompetenza, min jinkariga xorta jrid iwieġeb għaliha, għax l-għazla

tad-danneġjant ma kienitx tad-danneġjat u ma tkunx ħaġa sewwa li min jagħti l-inkarigu jiskappa milli jwieġeb għall-ħsarat.

**27.** Skont din il-Qorti min jinkariga, xorta jibqa' reponsabbli abbażi tal-artikolu fuq ċitat. Din ix-xorta ta' responsabbilita' hija meħtiega biex l-Attur ma jimbarkax fuq xi spedizzjoni ta' riċerki dwar min materjalment wettaq ix-xogħol meta jaf huwa lill-benefiċċjarju ta' dak ix-xogħol u li jkun ta l-inkarigu. Jekk dan tal-aħħar jiġi misjub responsabbli għal danni kawżati minn kuntrattur minnu inkarigat, dan dejjem ser jibqgħalu d-dritt tar-rivalsa kontra l-kuntrattur għall-ħlas li jkun għamel b'konsegwenza tad-danni sofferti mit-terz.

<u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

**28.** Il-konvenut Ludwig Dimech f'ismu proprju laqgħa għat-talba tal-Attur bl-eċċezzjoni li ma hux il-leġittimu Kontradittur stante li x-xogħol tal-iskavar sar mis-Soċjetá LK Limited u mhux minnu personalment.

**29.** Huwa paċifiku u inkontestat mill-fatti li x-xogħolijiet ta' skavar fil-proprjetá adjaċenti dik tal-Attur tabilħaqq saru mis-soċjetá LK Limited. Il-Qorti sejra għaldaqstant tilqa' l-eċċezzjoni u tillibera lil Ludwig Dimech f'ismu proprju mill-osservanza tal-ġudizzju.

**30.** Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari, is-soċjetá LK Limited issollevat l-estinzjoni tal-azzjoni attriċi bis-saħħa tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, li jitkellem fuq azzjonijiet għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġunati b'reat.

Kif inhu magħruf, din il-preskrizzjoni hija applikabbli f'azzjoni bħal din ta' danni akwiljani (ara fost oħrajn **Improved Design Ltd vs Gialanze, Qorti Ċivili Prim' Awla, 19 ta' Mejju 2005**).

**31.** Ġie in propositu stabbilit li "*minħabba li* [din i]*l-preskrizzjoni mressqa … hija waħda estintiva tal-azzjoni attrici, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. Għaldaqstant, l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili għandu jinqara wkoll fid-dawl tal-artikolu 2137 tal-istess Kodiċi li jgħid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni tkun setgħet issir. Il-ħarsien ta' din ir-regola hu wieħed bażiku u fundamentali, tant li huwa mgħallem li l-impossibilità li wieħed jagixxi trid tkun impossibilità lil hinn mir-rieda ta' dak li jkun, dovuta għal kawza li ma kellux kontroll fuqha, u li huwa ma setax iwarrab (Kollez. Vol XLIX.I. pag. 500)*

*Illi dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li actioni non natae non praescribitur. L-awturi* ***Baudry-Lacantinerie*** *u* ***Tissier*** *f'dan ir-rigward jgħallmu li "Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere..." (cfr.* ***Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione*** *Cap XII, §364 pag. 279).). Iżjed 'il quddiem iżidu jgħidu illi "La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre*

*evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa' nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale" (4 op. cit. (§ 393 bis, pag 306));*

*Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita (App. Ċiv 5.4.1993 fil-kawża fl-ismijiet* **Quintano vs Calleja** *et (Kollez. Vol: LXXVII.ii.269));*

*Illi min-naħa l-oħra, ladarba tkun stabbilita d-data li minnha 'l quddiem tnisslet il-ħsara u beda għaddej iż-żmien preskrittiv, iċ-ċirkostanza dwar jekk il-parti mġarrba kenitx taf jew le li dik il-ġrajja seħħet ma tkunx rilevanti biex il-Qorti tqis jekk dak iż-żmien għaddiex jew għalaqx. Dan jingħad għaliex, fid-dawl tat-tagħlim imsemmi hawn fuq, "Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta ssir il-ħsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara. Fil-kawża* **Xuereb v Agius***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih". It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* **Mohnani v. Stivala***, deċiża fil-11 ta' Ġunju, 2010, qalet: "…….. jibda biex jiġi reġistrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, "bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi*

*eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew talkundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni" ("**Raphel Micallef -vs- Anthony Agius**", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, "iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("**Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Jannar 1953")" (App. Ċiv. 31.10.2014 fil-kawża fl-ismijiet **Mizzi Estates Ltd vs Frank Borda et**)*

*Illi, minkejja dan, tibqa' dejjem tgħodd ir-regola li l-parti li tqanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tippruvaha kif imiss u li, f'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti;*" (**Johan Carabott et Emmanuel sive Leli Busuttil et**, Qorti Ċivili Prim' Awla, 17 ta' Jannar 2019).

**32.** Ma hemm xejn fl-atti li b'xi mod tistabbilixxi d-data li fiha seħħet il-ħsara fil-fossa/spiera, il-bokka/bir u l-ħajt in kwistjoni. Kull ma jirriżulta hu li tali ħsara seħħet waqt xogħolijiet ta' skavar u tqattih bit-trencher u hymac, eżegwiti mis-Soċjetá konvenuta LK Limited fuq inkarigu tas-soċjetá konvenuta l-oħra Master Properties Ltd (ara xhieda ta' Emmanuel Micallef a' fol 116 a tergo u fol 135 et seq).

**33.** Skont kif iddikjarat l-istess soċjetá LK Limited, dawn ix-xogħolijiet saru fis-snin 2017 u 2018 (ara xhieda ta' Ludwig Dimech a' fol 92) mentri l-

kawża ġiet istitwita fis-sena sussegwenti, preċiżament fl-10 ta' Ottubru 2019. Billi ma ġiex pruvat li l-ħsara lamentata saret barra ż-żmien preskrittiv ta' sentejn, jiġifieri qabel iż-żmien ta' bejn l-10 ta' Ottubru 2017 u l-10 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni ma hijiex mistħoqqa u għaldaqstant sejra tiċħadha.

**34.** Il-Qorti sejra issa tgħaddi għalhekk biex tikkonsidra l-mertu.

**35.** Kif joħroġ mill-fatti su esposti, huwa inkontestat anzi ammess minn kullħadd involut, li l-ħsara fil-fossa/spiera, bokka/bir u l-ħajt saret tassew waqt li kien qed isir tqattih bit-trencher u l-hymac mis-soċjetá konvenuta LK Limited fuq inkarigu tas-soċjetá konvenuta l-oħra Master Properties Limited.

**36.** Il-hymac u t-trencher ma humiex indikati fil-method statement bħala tagħmir li kellu jiġi użat f'dawn ix-xogħolijiet li saru fuq inkarigu tas-soċjeta konvenuta Master Properties Limited (ara fol 62 sa 63).

**37.** Hekk kif jiddisponi r-regolament 11 tal-A.L. 72/2013, il-manager tas-sit, kuntrattur u subkuntrattur, għandhom jiżguraw li x-xogħlijiet jiġu esegwiti skont id-dispożizzjonijiet indikati fil-method statement (dikjarazzjoni tal-metodu) (Ara **Sentenza tal-Prim Awla tat-28 ta' Marzu, 2023 fl-ismijiet James Armeni et -vs- Anne Marie Carabot**). Mhux biss, iżda a tenur tar-regolament 21, l-iżviluppatur għandu jieħu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha sabiex jiżgura li l-attivitá ta' kostruzzjoni ma tirriżultax fi

ħsara lil proprjetajiet kontigwi. La s-Soċjeta konvenuta Master Properties Limited u lanqas is-Soċjetá konvenuta LK Limited mqabbda minnha ma wrew jew b'xi mod ippruvaw li t-tqattih/skavar tal-fond adjaċenti sar in osservanza ma' dak kontenut fil-*method statement* u li ttieħdu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha sabiex ma tirriżultax ħsara lil proprjetajiet adjaċenti, f'dan il-każ tal-Attur.

**38.** Il-fatt li intuża tagħmir mhux indikat fil-*method statement* juri mod ieħor u ċioè li dan il-*method statement* ma ġiex osservat u li prekawzjonijiet ma ttieħdux. Dan in-nuqqas jikkostitwixxi prova oġġettiva ta' inkompetenza minn naħa tas-Soċjetá konvenuta LK Limited imqabbda mis-Soċjetá konvenuta Master Properties Limited. Din l-inkompetenza ċertament tirrendi liż-żewġ soċjetajiet konvenuti responsabbli għad-danni rekati fil-fond tal-Attur a tenur tal-artikoli 1031, 1032, 1033 u 1037 tal-Kodiċi Ċivili. Dan kemm għal-ħsarat li seħħew fil-ħajt kif ukoll dawk li seħħew fil-fossa/spiera u bokka/bir.

**39.** Huwa inutli għas-Soċjetá konvenuta Master Properties Ltd li twaħħal f'terzi għal ħsara li reġgħet feġġet fl-imsemmija fossa/spiera u bokka/bir wara li din ġiet minnha imsewwija. Hekk kif ġie kemm il-darba ritenut, *"Il-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza.'"* (**Anthony Fenech nomine vs Paul Gauci**, **Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 21 ta' Frar 1994).** Dan il-prinċipju ġie ribadit mill-**Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza Richard Fenech vs Rook**

**Construction Limited datata 3 ta' Ottubru 2003** bl-istess mod irrilevat li "*Lanqas ma jista' imbaghad jigi accettat illi l-konvenuti ghandhom jigu eskulpati ghas-semplici fatt li jaddebitaw htija fuq it-terz, li huma ghogobhom ma jsejhux fil-kawza*" (Ara ukoll **Sentenza fl-ismijiet Victor Camilleri proprio et nomine et –vs- Nazzareno Cutajar et", Appell Ċivili, 9 ta' Diċembru 1968).**

**40.** F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel ukoll is-segwenti osservazzjoni: meta l-konvenut jinvoka ħtija lit-terz li jkun magħruf għalih, huwa għandu kull interess li dan jissejjaħ fil-Kawża. Jekk ma jagħmlix hekk, ikun qiegħed iċaħħad lilu nnifsu mill-apporzjonament tar-resposnsabbilita' taħt l-artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili jekk dejjem ikun il-każ.

**41.** Applikat dan l-insenjament isegwi għalhekk li jekk is-Soċjetá konvenuta Master Properties Limited riedet titfa' t-tort fuq terzi, kellha titlob il-kjamat fil-kawża tagħhom. Ladarba dan ma sarx dawn il-persuni baqgħu *terzi ignoti* u għalhekk ebda parti mir-responsabbilitá ma tista' tintefa' fuqhom (ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Emanuel Zammit noe -vs- Charles Polidano pro et noe, Qorti tal-Appell, 31 ta' Jannar 2014**).

**42.** B'mod soġġettiv il-Qorti tqis ukoll li s-Soċjetá konvenuta Master Properties Limited naqset meta, qabel ma ħatret lis-Soċjetá konvenuta LK Limited, ma ratx li din hija kompetenti biżżejjed li kapaċi timxi skont il-*method statement* u tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex tiġi kemm jista' jkun ikkontrollata l-ħsara fil-fond adjaċenti proprjetá tal-Attur. Intqal li "*a*

*responsabilità dell'appaltatore può aggiungersi, ma mai elidere la responsabilità del committente", del tutto prescindendo dall'accertamento che quest'ultimo, avendo in forza del contratto di appalto la possibilità di impartire prescrizioni nell'esecuzione dei lavori o di intervenire per chiedere il rispetto della normativa di sicurezza, se ne sia avvalso per imporre particolari modalità di esecuzione dei lavori o particolari accorgimenti antinfortunistici che siano stati causa (diretta o indiretta) del sinistro, la corte di merito*" (Ara **Qorti ta' Cassazioni Taljana, Sez. 3, Sentenza n. 538 del 17/01/2012**).

**43.** Għaldaqstant, meħud in konsiderazzjoni l-artikoli 1031 sa 1033 u 1037 tal-Kodici Ċivili flimkien mal-ġurisprudenza kwotata u l-fatti tal-każ odjern, il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjetájiet konvenuti jaħtu t-tnejn għad-danni kkawżati mis-soċjetá konvenuta LK Limited jew ħaddiema oħra mqabbdin minnha fil-fond adjaċenti tal-Attur.

**Likwidazzjoni Danni**

**44.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**45.** Fir-rigward ta' damnum emergens fil-ħajt komuni, ġiet sottomessa biss prova waħda ċioè stima preżentata mill-Attur, maħruġa minn J&G Farrugia Contractors fl-ammont ta' €10,797 rappreżentanti ħlas ta' twaqqih u rikostruzzjoni tal-ħajt in kwistjoni (a' fol 45). Fin-nuqqas ta' prova mod ieħor, il-Qorti tqis dan l-ammont bħala valur tax-xogħolijiet reparatorji fuq il-ħajt imsemmi.

**46.** Fir rigward ta' damnum emergens subiti fil-fossa/spiera u fil-bir/bokka, l-Attur xehed li dawn ġew minnu msewwija a spejjeż tiegħu. L-Attur iżda naqas milli jippreżenta l-irċevuti tal-VAT minnu riferuti fix-xhieda tiegħu (a' fol 28 a tergo) rigwardanti l-ispejjeż minnu inkorsi għal din it-tiswija. Il-Qorti se jkollha għalhekk tirrikorri għal-likwidazzjoni tal-valur ta' dawn il-ħsarat in via ekwitattiva billi tillikwida *arbitrio boni viri* fis-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500).

**47.** Il-valur globali tax-xogħolijiet riparatorji għad-danni u ħsarat hekk kaġonati għalhekk jammontaw għal tlettax-il elf mitejn u sebgħa u disgħin ewro (€13,297) - (€10,797 + €2500).

**48.** Fir-rigward ta' Lucrum Cessans il-Qorti tqis li dawn ma jissussistux peress li ma hemm l-ebda telf ta' qliegh futur subit mill-Attur b'konsegwenza tal-ħsara kaġonata fil-fond tiegħu.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Ludwig Dimech f'ismu proprju** u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju**;**

**Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet** tas-Soċjetá konvenuta LK Limited;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tas-soċjetá konvenuta Master Properties Limited;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara lis-Soċjetajiet konvenuti LK Limited u Master Properties Ltd huma solidament u unikament responsabbli għad-danni u ħsarat ikkaġunati fil-proprjetá tal-Attur b'konsegwenza tax-xogħolijiet imsemmija;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-valur tal-istess ħsarat u danni fl-ammont ta' **tlettax-il elf mitejn u sebgħa u disgħin ewro (€13,297)** - (€10,797 + €2500);

**Tiċħad it-tielet talba attriċi** billi sejra tilqa' minflok ir-raba talba alternattiva;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tikkundanna lis-Soċjetajiet konvenuti LK Limited u Master Properties Ltd sabiex solidalment bejniethom iħallsu lill-Attur is-somma hekk likwidata;

**Tiċħad il-ħames talba** billi laqgħet minflok ir-raba talba alternattiva.

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza kontra s-Soċjetajiet konvenuti LK Limited u Master Properties Ltd.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**